## FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

### GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.

## SEDUTA TA’ NHAR IL-GIMGHA 1 TA’ MARZU, 2002

### Avviz Nru: 88/02 AJD

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta’ estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta’ l-assigurat taghha Robert Attard abbazi tal-polza ta’ assigurazzjoni tat-tip ‘comprehensive’ u tal-Ligi u l-istess Robert Attard**

**vs**

**Peter Cassar**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Jannar, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta’ elf, erba’ mija u wiehed u tmenin liri Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm1481.24) rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attur Robert Attard u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta’ attrici Fogg Insurance Agencies Limited, abbazi tal-polza tat-tip ‘comprehensive’, salv ghall-‘excess’ ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25.00) kif ukoll mija u tlett liri Maltin u hamsin centezmu (Lm103.50) ghall-kiri ta’ vettura alternattiva, imhallsa mill-istess Robert Attard, bhala rizultat tal-incident awtomobilstiku li sehh fis-17 ta’ April, 2001, ghall-habta tad-9:05 p.m., gewwa Triq il-Labour,

Zejtun, bejn il-vettura propjeta' tal-attur bin-numru ta' registrazzjoni FAI 426 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni EAL 418, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Novembru, 2001, u ta' dik li intbaghtet mal-Avviz tat-Talba lis-socjeta' assikurattiva tal-konvenut SMS Insurance Agency Limited bhala agenti tas-socjeta' estera Ecclesiastical Insurance Office plc, u bl-interessi legali mid-data tan-notifika tal-imsemmija ittra tas-6 ta' Novembru, 2001, sal-hlas effettiv, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikati baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Michael Grech, ghan-nom tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' elf, erba' mija u wiehed u tmenin liri Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm1481.24), bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Novembru, 2001, sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Novembru, 2001, kif ukoll dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**